**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 15 ta' Mejju 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 74

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 74 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju 2018 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
74.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
74.5 Rapporti;
74.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
74.7 Approvazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti QLC – CMHW 49/18 – Offerti għall-Kollezzjoni ta' Skart Domestiku mil-Lokalità tal-Qrendi b'Ħarsien Ambjentali;
74.8 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2018;
74.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
74.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-74 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju 2018 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

74.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

74.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

74.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

74.2.1 Il-Minuti tat-73 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

74.2.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda l-Minuti.

74.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 74.3, 74.4 u 74.5 jiġu diskussi wara Minuta 74.8 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

74.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

74.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li fis-16 ta' Mejju 2018 nbeda x-xogħol fuq dan iċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid u bħalissa qiegħed jinbena ħajt protettiv fiż-żona fejn se jsir il-bini.

74.6.2 Qal li hemm il-ħsieb li l-Berġa tal-lokal tiċċaqlaq għall-uffiċini tal-Kunsill Lokali min-nhar it-Tnejn 4 ta' Ġunju 2018.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 74.7 APPROVAZZJONI DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CMHW 49/18 – OFFERTI GĦALL-KOLLEZZJONI TA' SKART DOMESTIKU MIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI B'ĦARSIEN AMBJENTALI

74.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-bord t'aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa ltaqa' propju llum imma ma wasal għall-ebda kopnklużjoni fuq din is-sejħa.

74.7.2 Qal li dan seħħ minħabba li l-Bord ħass li kellu jitlob għal xi kjarifiċi qabel ikompli l-proċess t'aġġudikazzjoni.

74.7.3 Spjega kif dawn il-kjarifiċi jridu jitwieġbu f'temp ta' ħamest ijiem tax-xogħol u allura jista' jagħti l-każ li jkollna aktar dettalji għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

## 74.8 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2018

74.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħalissa l-ħidma fuq dan il-Festival għaddejja b'ritmu mgħaġġel.

74.8.2 Qal li l-*coverage* fuq il-media issa qabad ċertu ritmu u matul din il-ġimgħa se nkunu preżenti fuq il-mezzi kollha tax-xandir u se nintensifikaw l-interventi tagħna.

74.8.3 Spjega kif il-Konferenza tal-Aħbarijiet ta' dan il-Festival hija ppjanata li ssir nhar il-Ħamis li ġej f'Misraħ il-Maqluba, u tibda fid-9:30am.

74.8.4 Tkellem dwar il-programm ta' dan il-Festival u qal li jidher li huwa mqassam tajjeb ħafna u l-ħsieb tal-Kunsill Lokali dejjem kien li jkun hemm xi ħaġa li tolqot lil kulħadd.

74.8.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-wirja tal-karozzi u qal li l-kumpanija tal-Mini Minors mhumiex se jattendu minħabba xi raġunijiet li jafuhom huma.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

74.8.6 Żied li għandna l-konferma mingħand il-gruppi tal-American Mustang, tal-Ford kif ukoll l-*Old Motors Club*.

74.8.7 Qal li l-*Old Motors Club* xtaqu donazzjoni għall-parteċipazzjoni tagħhom u din ħarġet waqt il-laqgħa li kellna magħhom qabel din il-laqgħa.

74.8.8 Is-Sindku qal li rridu noqgħodu attenti fuq din il-biċċa tad-donazzjoni għaliex jekk se nagħtu lil xi grupp partikolari, ikollna nagħtu lil kulħadd.

74.8.9 Il-Viċi Sindku qal li se jkellimhom lura f'dan ir-rigward u naraw kif nispiċċaw.

74.8.10 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar wieħed mill-esebituri tal-patata u qal li dan għadu mhuwiex ċert jekk huwiex se jieħu sehem jew le fil-Festival, imma kellu jagħtina risposta fis-sigħat li ġejjin.

## 74.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

74.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar l-appell tal-kuntratt tal-Perizja u qal li l-Erbgħa tal-ġimgħa li għaddiet nstema' l-appell.

74.3.1.1 Qal li l-appellant ma kienx preżenti għall-appell u allura ntbagħtitlu ittra uffiċjali mill-Bord tal-Appell u għandu numru ta' ġranet sabiex iwieġeb.

74.3.1.2 Spjega kif issa rridu nistennew l-eżitu tar-risposta tal-Perit William Lewis, jekk kemm-il darba jkun hemm waħda, imbagħad inkunu nistgħu naraw x'konklużjoni se joħroġ biha l-Bord.

74.3.2 Is-Sindku tkellem dwar is-*Solar Cinema* li se ssir f'Misraħ il-Maqluba fil-5 ta' Ġunju 2018.

74.3.2.1 Qal li din l-idea ddur ma' vann li jaħdem bl-enerġija tax-xemx u permezz tiegħu jintwerew erba' films qosra għall-pubbliku inġenerali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

74.3.2.2 Spjega kif din hija parti mill-attivitajiet ta' Valletta18.

74.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-kawża li għaddejja fil-Qorti bħalissa bejn Argus Insurance Company Ltd., u l-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

74.3.3.1 Qal li issa tlestiet it-trattazzjoni u ngħatajna d-data tas-6 ta' Ġunju 2018 sabiex nitilgħu għas-sentenza tal-Qorti.

74.3.4 Is-Sindku tkellem dwar it-taħriġ li qiegħda torganizza l-Awtorita' tal-Ippjanar għall-Kunsilli Lokali.

74.3.4.1 Qal li dan it-taħriġ qiegħed isir fis-sala tal-Kunsill Lokali tal-Marsa.

74.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Festa Nar organizzata mir-Reġjun tan-Nofsinhar u qal li ż-żewġt ikmamar tas-Soċjetajiet tal-banda fil-Qrendi ħadu sehem.

74.3.5.1 Qal li ġimgħa wara ngħataw il-fondi f'ċerimonja li saret fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi f'Ħaġar Qim.

74.3.6 Is-Sindku tkellem dwar stedina li waslitlu sabiex fit-18 ta' Ġunju jindirizza konferenza fil-Polonja.

74.3.6.1 Qal li din l-istedina waslitlu minn skola Pollakka li l-istudenti b'abiltajiet differenti tagħhom qegħdin jiġu l-Qrendi sabiex jieħdu sehem fil-proġett Erasmuus+.

74.3.6.2 Huwa staqsa lill-Kunsill Lokali jekk isibx oġġezzjoni li l-ispejjeż jitħallsu mill-istess Kunsill Lokali minħabba li din hija stedina uffiċjali lilu bħala Sindku tal-lokalità tal-Qrendi.

74.3.6.3 Qal li b'kollox l-ispiża se tkun €374.52 u din tinkludi t-titjiriet kif ukoll l-akkomodazzjoni.

74.3.6.4 Żied li fil-jiem li ġejjin se jkun qiegħed jgħaddi l-*invoices* kollha lill-Kunsill Lokali.

74.3.6.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li l-Kunsill Lokali għandu

jħallas dawn l-ispejjeż, u l-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat din il-proposta.

74.3.6.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

74.3.7 Is-Sindku tkellem dwar skema li ħarġet mill-Awtorità tal-Ippjanar.

74.3.7.1 Qal li b'relazzjoni ma' din l-iskema, l-ewwel priorità għandha tingħata lil Triq Sant'Anna u jekk jifdal xi flus għandna nnaraw x'nistgħu nagħmlu f'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

74.3.8 Is-Sindku tkellem dwar xogħol ta' *resurfacing* li qiegħed isir fi Triq San Niklaw.

74.3.8.1 Qal li x-xogħol se jkun qiegħed jasal sal-Ġibjun tal-Qrendi, minħabba li l-Korporazzjoni Enemalta trid tibdel is-servizzi tagħha.

74.3.8.2 Spjega kif fil-mument ix-xogħol qiegħed isir fil-konfini tas-Siġġiewi, imma dalwaqt jibdew jaħdmu wkoll fil-konfini tal-Qrendi.

74.3.9 Is-Sindku tkellem dwar librerija ċkejkna li se tingħata mis-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Julia Farrugia Portelli.

74.3.9.1 Qal li hu personalment iħoss li l-aħjar post fejn issir din il-librerija tkun il-Ġnien tal-Warda, fil-pjazzetta li hemm qrib il-gazebo.

74.3.9.2 Spjega kif din il-librerija mhijiex se tkun kbira u l-kotba li se jkunu f'din il-librerija se jkunu relegati mill-istess Onorevoli Farrugia Portelli.

74.3.10 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mis-Sa Mary Abdilla, Uffiċjali Eżekuttiv fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **CCN092/18**.

74.3.10.1 Qal li jidher ċar li din hija kwistjoni bejn il-ġirien, tant li anke meta madwar ħames snin ilu Transport Malta xtaqu jagħtu t-tarmak f'din is-*service road*, ir-residenti m'aċċettawx u riedu li kollox jibqa' kif inhu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

74.3.10.2 Spjega kif dik il-parti tas-*service road* fi Triq it-Tempesta għadha qatt ma saret minn Transport Malta u allura għadha ma ġietx devoluta lill-Kunsill Lokali.

74.3.10.3 Żied li hemm xi residenti li qegħdin jippretendu li din il-parti tibqa' privata imma l-Kunsill Lokali jieħu ħsieb it-tindif, il-qtugħ tal-ħaxix, eċċ...

74.3.10.4 Qal li bħala Kunsill Lokali ma nistgħux immissu dik il-parti partikolari minħabba li mhijiex devoluta lilna.

74.3.11 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mill-Perit Stephan Vancell, bit-titlu ***Request for Clearance re: RG4749/17***.

74.3.11.1 Huwa qal li dwar din il-korrispondenza rridu nieħdu parir u jekk hemm bżonn niddiskutuha fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

74.3.12 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mis-Sa Brenda Farrugia, Segretarja tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti, bit-titlu **Permess għal attività – SŻP Żurrieq.**

74.3.12.1 Qal li huwa jħoss li għandna nagħtuhom il-permess kif nagħmlu kull sena, bl-istess kundizzjonijiet bħas-snin ta' qabel.

74.3.12.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

74.3.13 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mill-Perit Toni Bezzina, bit-titlu ***Proposed Embellishment of* Ġnien tal-Warda, Qrendi*.***

74.3.13.1 Qal li din titratta dwar it-tisbieħ ta' dan il-Ġnien imma jkun aktar għaqli li niddiskutuha fil-laqgħa li jmiss.

74.3.14 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mis-Sur Carmel Farrugia, bit-titlu ***New Surface***.

74.3.14.1 Qabel ġiet diskussa din il-materja l-Kunsillieri Daniel Farrugia u Daniela Farrugia qalu li mhux se jkunu qegħdin jieħdu sehem fid-diskussjoni minħabba li l-persuna inkwistjoni huwa qarib tagħhom u

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

allura għandhom kunflitt t'interess.

74.3.14.2 Is-Sindku qal li issa għandna r-ritratti f'idejna u allura nafu eżattament fuq liema parti tat-triq qiegħed jitkellem.

74.3.14.3 Spjega kif l-aktar l-aktar isir ftit *patching*, minħabba li x-xogħol f'din it-triq kien diġa' sar.

74.3.15 Is-Sindku tkellem dwar l-inizjattiva *The Daily Mile*, organizzata mill-istazzjon ITV tal-Ingilterra, u qal li din saret b'kollaborazzjoni mal-Iskola Primarja tal-Qrendi u l-Kulleġġ San Benedittu.

## 74.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

74.4.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar il-bankina ta' Triq iċ-Ċimiterju u qalet li kien hemm xi persuni li gergru dwar kif ġiet din il-bankina.

74.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li l-permess sabiex isir din it-triq ħareġ li jsir kollox eżatt kif kien qabel.

74.4.1.2 Qal li ħafna min-nies jew qas biss kienu jafu li kien hemm bankina qabel, inkella ma kenux jinnutaw dan minħabba li kollox kien maħnuq bis-siġar tal-oleander.

74.4.1.3 Spjega għaliex il-ħawt tal-ħamrija saru kif saru, u qal li dawn saru hekk kemm minħabba s-siġar li hemm imħawla, u jekk kemm-il darba jiċċekknu, dawn ikunu jistgħu jiċċekknu biss min-naħa tat-triq.

74.4.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar il-ħaxix ħażin li hemm fit-toroq tal-Qrendi u staqsa kif ninsabu f'din is-sitwazzjoni.

74.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li din is-sena kienet allarmanti ħafna fejn jidħol il-ħaxix, u jidher li dan qiegħed jikber b'rata mgħaġġla ħafna.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

74.4.2.2 Qal li wara li jgħaddi l-Festival Agrarju tal-Patata, se jkun qiegħed jinbeda l-qtugħ tal-ħaxix fit-toroq kollha tal-Qrendi.

## 74.5 RAPPORTI

74.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-mawra għal Sqallija u qal li din hija pjanata li ssir fil-15 ta' Settembru 2018.

74.5.2 Qal li huwa talab ukoll għal kwotazzjonijiet kemm jiġi jiswa tmiem il-ġimgħa fi Sqallija imam s'issa għadna qed nistennew risposta.

## 74.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

74.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €56,423.82 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 05/18 u €111.05 skont il-*Petty Cash* Ref V/04.

74.9.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

74.9.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

74.9.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 74.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

74.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 8 ta' Ġunju 2018 fil-5:30pm.

______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

______________________

**David Schembri**
**Sindku**